CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

L-Erbgħa, 20 ta' Gunju 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.10pm.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

66.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħamsa u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

66.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lil Heritage Malta fuq il-periklu ta'ċediment ta' ħajt li hemm mal-ġenb tar-Roman Villa int u nizel għal pont tal-Istazzjon.

66.3.2 Is-Sindku ta dettalji lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu ma' uffiċjali fi ħdan id-Direttorat tal-Ippjanar rigward is-Skema Sebbaħ il-Lokal fejn bħala Kunsill jista' jibbenifika sa għotja ta' €50,000 fuq proġetti kapitali għal tisbieħ ta' pjazez u postijiet miftuħa. Fil-każ tal-Kunsill hemm approvazzjoni biex isir it-tisbieh tal-playing field u apparat ġdid tal-playing field. Bħala Kunsill ser inkellmu lill-MCCAA għal parir fuq saħħa u sigurta' u ser jitqabbad Perit biex ikunu jistgħu jitħejjew il-pjanti neċessarji. Għal dan il-għan ser tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni.

66.3.3 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel talba lil Transport Malta biex jiġu allokati aktar spazji ta' parking għar-residenti.

66.3.4 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex Triq San Pietru ssir one-way min-naħa ta' Triq l-Imħazen għar-raġuni li din it-triq kif inhi bħalissa qed toħloq inkonvenjent u periklu minħabba id-djuqija tat-triq. Il-Kunsill approva.

66.3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-ERA għal permess biex ikun jista' jsir intervent ta' tisbir fuq is-siġar li hemm il-Foss.

66.3.6 Is-Sindku qal li huwa mħasseb fuq l-ammont ta' karozzini li qed jiġu jaħdmu ġewwa l-Imdina fejn l-ammont qed ikun izjed min 12-il karozzin skont kif stabbilit u qed joħloq inkonvenjent. Huwa qal li mhux l-ewwel darba li kellem lil TM biex jinfurzaw imma jidher li ma hemm l-ebda liġi jew legal notice li jirrregolarizza dan. Għaldaqstant huwa tal-opinjoni li nkellmu lil Avukat tal-Kunsill għal parir fuq il-possibilta' li tiġi ntrodotta Bye-Law għal dan il-għan. Il-Kunsill approva.

66.3.7 Is-Sindku qal li qed jinnota ħafna zejt ma' l-art li ġej minn trakkijiet u din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' sejra hekk. Dan l-aġir għandu jibda' jiġi rrappurtat minnufih lill-Pulizija.

66.3.8 Is-Sindku qal li reġa wasal iz-zmien li jsir il-BBQ annwali tar-residenti u kien qed jissuġġerixxi li din l-attivita' ssir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2018. Il-Kunsill approva.

66.3.9 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-mawra għal Dongcheng, ic-Cina bħala parti minn ftehim ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġt ibliet ser issir bejn it-13 u l-21 ta' Settembru 2018.

66.3.10 Is-Sindku talab lis-SE biex jikteb lir-Restoration Directorate biex jintervjeni fuq xogħolijiet ta' restawr fil-Pjazza tal-Griegi, Pjazza San Publiju u l-Mina tal-Madonna.

## 66.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

66.4.1 **<u>Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur bejn Jannar u Marzu 2018</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur bejn Jannar u Marzu. Ir-rapporti kien proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku PSM li kien issekondat mill-Viċi Sindku JD. Il-Kunsill approva.

## 66.5 Management Letter- Risposta tal-Kunsill

66.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter tal-Awdituri (mehmuz) kif ukoll draft għar-risposta tal-Management Letter.

66.6.2 Wara diskussjoni qasira s-Sindku PSM ppropona li din tiġi mwieġba skont ir-risposta proposta (mehmuz). Il-Kunsill approva.

## 66.6 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

66.6.1 Is-SE infurma lill-Kunsill li t-Tender għall-*Urban Greening* ġie ppublikat it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2018

66.6.2 Is-SE infurma lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-Accountant wasal biex jiskadi fl-aħħar ta' Awwissu u għalhekk talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinħareġ wieħed ġdid. Il-Kunsill approva.

66.6.3 Is-SE infurma lill-Kunsill li għas-sejħa li ħareġ il-Kunsill għal Part-Time Clerk ma kellu ebda rispons u għalhekk wara li jkun hemm l-approvazzjoni ta' Jobsplus tkun tista’ tiġi ppublikata din is-sejħa fuq gazzetta indipendenti.

66.6.4 AKL 2018/057 Laqgħa Plenarja AKL- Għal din il-laqgħa ser jattendu il-Kunsilliera Maryann Sultana u s-SE Mark Mallia.

66.6.5 Is-SE infurma lill-Kunsill li l-Bye-Law dwar Użu ta' Faċilitajiet ġewwa l-Imdina ġiet ippubblikata uffiċjalment fl-1 ta' Ġunju 2018.

66.6.6 Talba mid-Dipartiment tal-Cleansing Department biex jużaw il-kamra tal-għodda tal-kunsill li tinsab f'Howard Gardens. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

66.6.7 AKL 2018/067- Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill japplika għal Bus Shelter ġdid.

Il-Kunsill ħa nota ta' din l-ittra u ser ikun fil-ġimgħat li ġejjin jissieħeb fil-ftehim li jeżisti bejn l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kumpanija privata 'Faces'

**66.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

66.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta' Mejju 2018 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22,750.73

66.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**66.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

66.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ntemmet fl-4.55pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Lulju 2018 fit-9am

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 18-07-2018________